Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10528 — ADVENT / EURAZEO / PROTEL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 467/07)

1. Fit-12 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advent International Corporation ("**Advent**", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Eurazeo SE ("**Eurazeo**", Franza); kif ukoll

— Protel hotelsoftware GmbH ("**Protel**", il-Ġermanja).

Advent u Eurazeo jakkwsitaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Protel kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Advent: Advent hija investitur tal-ekwità privata ffokata fuq: (i) l-akkwist ta' ishma ta' ekwità (kemm li jikkontrollaw u kemm dawk li ma jikkontrollawx) f'kumpaniji fejn hija temmen li kapital injettat itejjeb l-prospetti futuri tal-kumpania għat-tkabbir; kif ukoll (ii) il-ġestjoni ta' fondi tal-investiment. Bħala investitur ta' ekwità privata, Advent għandha sehem f'diversi setturi, inklużi dawk industrijali, tal-ħwienet, tal-media, tal-komunikazzjonijiet, tat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-internet, il-kura tas-saħħa u l-farmaċewtika;

— Eurazeo: Eurazeo hija kumpanija tal-investiment ikkwotata fil-Borża b'portafoll ta' diversi biljuni ta' euro f'assi diversifikati. L-għan tagħha huwa li tiskopri, taċċellera u ssaħħaħ it-trasformazzjoni potenzjali ta' kumpaniji ta' kull daqs li fihom hija tinvesti. Hija għandha tliet attivitajiet prinċipali: l-ekwità privata, id-dejn privat u l-assi reali; kif ukoll

— Protel: Protel tipprovdi software ta' ġestjoni tal-proprjetà lil-lukandi, bi kwartieri ġenerali f'Dortmund, il-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10528 – ADVENT / EURAZEO / PROTEL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË